Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

# Seduta numru 44. Illum it-Tlieta, 14 ta' Ottubru 2008

## MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Attivitajiet tal-Milied**
**Post vakanti ta' Clerk**
**Appell dwar l-Offerta ghall-Provvista ta' konkos**
**Tender ghal servizz ta' zewg handymen**
**Affarijiet Mixxellanji**

## PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

## MINUTI

### 359.0 Approvazzjoni tal-Minuti

359.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

359.2 Billi ma kienx hemm aktar korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

### 360.0 Punti mill-Minuti

360.1 Il-Kunsillier David Battistino informa li ghamel kuntatt ma Mathi dwar il-possibilita ta' Gemallagg f'Malta f'Mejju 2009, fejn infurmawh li huma kellhom l-istess hsieb. Ghalhekk kien hemm qbil li jkomplu t-thejjijiet ghal dan il-Gemellagg.

360.2 Il-Kunsillier Battistino nforma li l-Kumitat taz-zghazagh iltaqa' ghall-ewwel darba fl-24 ta' Settembru fejn attendew numru ta' zghazagh li ddiskutew dwar oqsma relatati ma dan is-suggett. Huwa qal li min-naha taghhom urew interess f'dan is-suggett u kien hemm qbil li jigu organizzati numru ta' attivitajiet matul is-sena. Huwa informa li l-laqgha li jmiss se ssir l-Erbgha, 15 ta' Ottubru.

360.3 Is-Sindku informa li l-kors tal-Parental Skills se jibda nhar il-Gimgha, 17 ta' Ottubru.

360.4 Is-Sindku nforma li nhar il-Gimgha, 10 ta' Ottubru, thejjiet laqgha ghall-coaches ta' l-Imgarr United Football Club u l-Kumitat fis-sala tal-Kunsill.

**361.0 Korrispondenza**

361.1 L-Awtorita tat-Turizmu gibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-ammont ta' hmieg li jinsab fil-Wied ta' Bingemma u madwar il-kappella ta' l-Ittria. Il-Kunsill qabel li jigbed l-attenzjoni tad-Dipartiment ta' l-Indafa biex jitnaddaf dan il-post, filwaqt li jkabbar id-daqs tal-bin li jinsab magemb il-knisja.

361.2 Il-Kunsill qabel li jippartecipa fl-iskema Clean Up the World u se jistieden lill-ghaqdiet jippartecipaw f'din il-kampanja ta' tindif. Il-Kunsill qabel li jinghazlu iz-zoni ta' Ras il-Gebel u Gnien Padre Pio bhala siti principali ghal din il-kampanja.

361.3 Il-Kunsill innota l-korrispondenza tal-Kumitat Olimpiku Malti dwar inizzjattiva 'MOC sports awards' f'Dicembru 2008. Is-Sindku ppropona li jsiru attivitajiet sportivi mfassla fuq *weekend*. Il-Kunsillier David Battistino qali li jkun opportun li l-grupp taz-zghazagh johrog b'inizzjattiva f'dan ir-rigward. Kien hemm qbil li jsiru proposti biex tigi organizzata din l-attivita.

361.4 Giet innotata l-korrispondenza mill-Awtorita ta' l-Ippjanar, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**362.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

362.1 Is-Sindku nforma li waqt il-quddiesa ta' ringrazzjament nhar is-Sibt 28 ta' Settembru, gie mistieden mill-Kappillan Dun Antoine Borg biex jaghmel diskors ta' l-okkazjoni. F'din l-istess quddiesa, is-Sindku f'isem il-poplu ta' l-Imgarr prezenta bukkett fjuri lill-ex Kappillan Dun Joe Fsadni ghall-kontribut li ta lill-komunita fis-snin li fihom ta s-sehem tieghu bhala Kappillan. Il-membri tal-Kunsill kienu kollha prezenti ghal din l-okkazjoni.

362.2 Is-Sindku nforma li fil-jiem li ghaddew beda x-xoghol li kien ilu mistenni biex tinbidel il-bankina fi Triq Fisher kif ukoll ix-xoghol ta' formazzjoni u tarmak ta' Triq Mqades, Triq Skorba u Triq is-Saqwi. Huwa spjega li fuq intervent tal-Kunsill, gie ffurmat culvert fi Triq is-Saqwi peress li kien hemm numru ta' residenti li gew mgherrqa bix-xita. Dan ix-xoghol qed isir mill-Awtorita tat-Trasport.

362.3 Is-Sindku nforma li l-kuntrattur Adam Bugeja gie mqabbad inaddaf numru ta' toroq li waqa' ammont ta' zrar fihom waqt il-maltemp li sar matul il-gimgha li ghaddiet, biex jigu evitati ncidenti fit-toroq.

362.4 Is-Sindku nforma li fil-15 ta' Ottubru, se jitkompla t-tindif fuq il-Gnien fil-Housing Estate, li qed jigi osservat mill-Arkejologista Kim Muscat u d-Direzzjoni tas-Sovrantendent tal-Wirt Kulturali Mark Anthony Mifsud.

**363.0 Attivitajiet tal-Milied**

363.1 Il-Kunsill qabel li fid-dawl li l-post ghaddej minn ristrutturazzjoni, il-festin tal-Milied ghall-ghaqdiet jigi organizzat f'wiehed mir-ristoranti fl-Imgarr, fejn dawn jigu mitluba joffru l-post u l-catering. Kien hemm qbil li dan il-festin jigi organizzat nhar il-Gimgha, 12 ta' Dicembru, fis-7.00p.m. Se jingabru stimi f'dan ir-rigward.

363.2 Kien hemm qbil li l-Kunsill jarma t-toroq bid-dawl, bid-dawl li kien mixtri matul is-sena precedenti.

**364.0 Post vakanti ta' Clerk**

364.1 Il-Kunsill hejja Intervista ohra llum, 14 ta' Ottubru ma numru iehor ta' kandidati li ssottomettew l-applikazzjoni taghhom ghal din il-kariga, wara li sar filtering fuq l-applikazzjonijiet u gew maghluza numru minnhom.

364.2 Il-Kunsill qabel li jhejji Intervista ohra nhar it-Tnejn, 20 ta' Ottubru.

**365.0 Appell dwar l-Offerta ghall-Provvista ta' konkos**

365.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-kumpanija Denfar issottomettiet appell fir-rigward ta' l-offerta ghal provvista ta' konkos, peress li din il-kumpanija ma qablitx mad-decizjoni li ha 'l Kunsill fl-aggudikazzjoni ta' din l-offerta. Dan il-kaz ghaddha lill-Bord ta' l-Appell fi hdan l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**366.0 Tender ghal Servizz ta' zewg Handymen**

366.1 Is-Sindku ghaddha proposta biex tohrog mill-gdid l-offerta ghal zewg handymen peress li l-kuntratt ezistenti wasal biex jintemm. Il-Vici Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel nem con.

**367.0 Affarijiet Mixxellanji**

367.1 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni biex issir Hill Climb fid-9 ta' Novembru, fi Triq il-Gnejna mill-Island Car Club.

367.2 Il-Kunsill qabel li jimmarka double yellow lines fi Triq il-Kbira, quddiem Castello Zammitello, biex ikun hemm aktar ordni f'din it-Triq.

367.3 Il-Kunsill gabar stimi ta' Liquidmembrane ghall-bejt tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tinghazel l-offerta ta' Flockimage ghal prezz ta' € 19.90 kull metru kwadru peress li kienet l-orhos offerta.

367.4 Il-Kunsillier Agostino Ebejer talab informazzjoni dwar il-process ta' l-installazzjoni tal-mini pitch. Il-Kunsillier David Battistino nforma li l-file jinsab ghand il-principal biex jghaddih lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jigi ffirmat mid-Direttur Generali u l-Imgarr United Football Club.

367.5 Il-laqgha ntemmet fis-6.30p.m.

367.6 Is-Sindku sejjah laqgha tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 4 ta' Novembru 2008, fis-6.30p.m.

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku